MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 667/2003

**Cafe Bar (Malta) Ltd.**

**vs**

**D.I.K.K. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 t'April 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm345.00) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' magna tal-kafe mikrija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta u dan ghas-sena 2002.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Lino Grech in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm345.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------